# Parrukkier jew Barbier



Kitba ta' Loreto J. Dalli

Naraw fir-raħal tagħna jekk konniex nużaw il-kelma Parrukkier jew barbier. Naħseb li aktarx li le. Imma minflok... konna ngħidu! "Ħa mmur għand Ċensu tax-xagħar." Jew għand xi ħaddieħor.

**Barbier u Ħajjat (Xi ħaġa mhux tas-soltu għall-ġurnata tal-lum)**

Hu fatt magħruf li dari l-aktar fl-irħula u f'Għawdex, il-barbier/parrukkier ma kienx ikollu xogħol biżżejjed biex jaqla' x'jiekol u jitma' l-familja bit-tqaxxir tal-leħja u qtugħ ix-xagħar biss. Il-barbier tar-raħal kien jagħmel xogħol ieħor fl-istess ħanut. L-aktar ħaġa komuni kienet li l-barbier ikun ukoll ħajjat. Piju Borg, ir-Regettier bil-ħanut tal-antikitajiet fi Pjazza Savina, ir-Rabat t'Għawdex, qalli (meta kont naħdem Għawdex għal ħabta tal-1968) li f'Għawdex dari kien hemm barbier li kien jagħmel wkoll iċ-ċumbini tal-bizzilla fuq it-torn, ieħor kien ipitter xi veduti, u ieħor saħansitra kien jagħmel il-kitarri tal-għana, mhux dejjem il-ħajja kienet faċli.

Biss qatt ma smajt li kien hemm xi ħaga hekk il-Gudja, imma ser naraw nies b'dan il-mistier, u li dan kienu jagħmluh wara l-ħin tax-xogħol normali tagħhom.

Kien hemm żmien daqsxejn misterjuż, (għal ħabta tal-1963) għax ma kien hemm ħadd li jaqta x-xagħar fil-Gudja u konna mmorru Ħal Għaxaq għand wieħed ħdejn il-knisja. Is-servizzi mxew maż-żminijiet kif imxew il-ħwienet tax-xagħar. Il-ħwienet tal-barbiera bl-imqass u l-mus tal-leħja u il-ġilda għal biex isinn il-mus tal-leħja, ħadulhom posthom ħwienet aktar moderni, f'kull post ta' Malta. **Il-Parrukkier** hu dak li jaqta' x-xagħar jew jirranġa x-xagħar, waqt li **l-Barbier** hu dak li jqaxxar il-leħja. *(Il-Barbieri di Siviglia ta' Rossini ttina ħjiel.)*

Kif qegħdin fuq il-kliem fejn jidħol ix-xagħar insibu wkoll il-kelma tqarweż, kelma li kienet tintuża l-aktar fl-irħula. Kienu jitqarwżu, jiġifieri kienu jaqtgħu xagħarhom qasir mad-dawra kollha tar-ras, bil-makkinetta Nru 1 jew Nru 2.

Kien hemm nies li kienu jqaxxru xagħarhom QARABASILA. F'dan il-każ, il-parrukkier kien ikollu biċċa xogħol iebsa għax kien jintuża l-mus biex iqaxxar ix-xagħar kollu, biċċa xogħol mhux daqstant faċli, imma kienet issir. Kien hemm stil ieħor LA INGLIŻA kien jissejjaħ. Din kienet l-aktar qatgħa xagħar komuni, qasira min kull naħa, kienu jgħidulha ukoll bħal tal-Mużew, imma bil-gummiena jew troffa xagħar quddiem.

Kien hemm ukoll stil LA TALJANA. Din kienet tkun aktar eleganti, bil-maxta, bil-ferq u bil-barbetti u b' żieda tal-aħħar laqgħa bil-***Brylcream***. Fil-bidu semmejna ftit għodda, imma issa ser naraw l-aktar għodda li kienet tintuża:-

Il-Mejlaq, il-Mus, il-Ġilda mdendla mal-ħajt, l-Imqass, il-Moxt, il-Makkinetta, il-Pompa tat-Terra, il-Pinzell li jfarfar bih tal-aħħar, Mera żgħira, u flixkun żgħir tan-nikel mimli bl-ilma biex ibixx fuq ras il-klijent.



Ġeneralment din l-għodda kienet tinxtara l-aktar mingħand Frank's tal-Belt. Iżda 'l hemm u 'l hawn, fl-ibliet u l-irħula tagħna baqa' xi ħwienet tal-barbiera, li fihom għalkemm l-arloġġ bħal donnu waqaf fiż-żmien għad għandhom il-parruċċani tagħhom ukoll. Forsi jkunu nies ta' ċerta età, imma mhux dejjem ikun

il-każ. Il-barbier qabel kont issibu forsi fil-qalba tar-raħal bħal fil-pjazza, qrib il-knisja. Issa fil-każ tal-Gudja kont issib wieħed fil-misraħ tar-raħal, u ieħor ħdejn il-għajn tal-ilma li kienet fil-bidu ta' Triq Santa Marija, u li llum m'għadhiex hemm. Il-parrukkier kien jismu Toni (tad-dudu jew id-dudu). Kien hemm oħrajn. Fosthom kien hemm ieħor jismu Ġużeppi Dalli aktar magħruf bħala t-Tilli li kien armat ħdejn is-siġar ta' ħdejn l-għassa (it-Tilli, fil-ħin liberu tiegħu kien imur sal-post tan-nar taċ-Ċintura jimla l-bombi tal-musketterija), kien joqgħod bieb ma' bieb ma' Lily tal-Mużew, dawn in-nies kellhom rabta mal-Ħamrun.

Fuq in-naħa l-oħra kien hemm u għadd hemm il-familja ta' Ziqu, (Barbara). Fejn Karmnu u Ġiljan kienu parti min din il-familja, u huma ħbieb tiegħi sal-ġurnata tal-lum.

Fil-Gudja kellna tliet parrukkiera, l-iżjed li niftakar tnejn minnhom. Tobija ta' Vapuri fil-kantina faċċata tal-knisja u Ċensu minn Ħal Safi li kien jiftaħ filgħaxija fit-triq San Ciro fir-remissa ta' Loretu l-ħajjat. Dan Ċensu, kellu mutur żgħir biex jiġi min Ħal Safi filgħodu, iħalli l-mutur il-Gudja, u jmur għax-xogħol mal-karozza tat-tarzna. Filgħaxija jigi lura lejn l-Gudja mal-istess karozza tax-xogħol, u kien jiftaħ il-ħanut tax-xagħar, għal ħabta tal-ħamsa. Ġeneralment kien ikun hemm Pawlu ta'***Pisuwa*** (Busutill) biex jagħti daqqa t'id.

**Ċensu Cutajar**

Ċensu Cutajar kellu sett ta' kwadri tal-artisti ta' dak iż-żmien fil-ħanut fosthom niftakar wieħed minnhom kien ta' Doris Day, li kien hemm polemika sħiħa dwarha. Imma kienu żminijiet oħra.

Dan huwa s-siġġu li kien juża Ċensu ta' Ħal Safi. Min jaf kemm jien u ħafna oħrajn dorna fuqu.





Ftit ilu ltqajt ma' każ ta' barbier ġewwa l-Qrendi, bl-isem ta' Feliċ.

Feliċ illum għandu tmenin sena, u huwa minn ġenerazzjoni ta' barbiera antiki li jaqtgħu xagħar l-irġiel u kienu jqaxxru l-leħja bil-mus tal-leħja qabel daħlu l-mezzi moderni li għamluha possibbli li din titqaxxar mill-irġiel infushom fid-djar, bħal ma kien fil-każ tar-raħal tagħna.

Il-ħanut tiegħu kien bħal ħafna oħrajn, kif ukoll bħal ma kellna fir-raħal tagħna, ħanut kważi għeri mill-armaturi li mdorrijin naraw fi ħwienet oħra tax-xagħar. Iżda meta tmidd riġlejk fil-ħanut tiegħu, tħossok mort lura fiż-żmien, u tħoss dik it-trankwilità raħlija. Żewġ siġġijiet tal-barbier tal-injam tqil, is-sink, u Feliċ bl-għodda tiegħu – l-imqass u l-pettne. Qalli li jiftaħ żewġ nofs ta' nhari biss – il-Ġimgħa u s-Sibt. U jħoss li għandu jibqa' għaliex wara kollox la l-klijenti għadhom jiġu, Feliċ ma jridx jiddiżappuntahom. Bniedem ikona tal-passat.

Il-bankijiet tal-injam mad-dawra kollha tal-ħanut, fejn ipoġġu l-klijenti jistennew għall-qatgħa xagħar, huma xhieda li dan il-ħanut, dari kien bejta ta' attività kontinwa bin-nies ġejjin u sejrin u llum il-ġurnata xhieda ta' kif dawn is-servizzi, imxew maż-żmien.

Semmejt lil Feliċ, għaliex?

Is-sengħa tal-barbier/parrukkier, kienet fid-demm ta' din il-familja tiegħu, partikolarment nannuh u buznannuh li kienu barbiera. Iżda issa bla tama u b'għajnejh miksura stqarr li warajh ma tħajjar ħadd, minn tal-familja. Biss illum hemm metodi different minn dari, għax fejn tidħol it-teknoloġija ċerti tradizzjonijiet ibatu jew jispiċċaw.

Imma, nerġgħu mmorru sar-raħal tagħna. Anke Toni magħruf bħala d-Dudu kien barbier insomma tan-naqra. Imma peress li t-Tilli kien jiġi zijjuh allura anke huwa rama ta' parrukkier, ovvja, biex jaqla' xi ħaġa. Il-ħelwa hija li dan kien jaqta' x-xagħar fl-intrata tad-dar t'ommu. Dari niftakar sew illi missieri ħadni għandu. Imma darba kienet għax sirt naf li iċċaqlaqtlu, hu malajr żgarra waħda u sew…

Il-ħabib tiegħi (Joseph Spiteri tan–nizzu hu Golin Spiteri) qal hekk fuq l-internet. "Jien kemm-il darba qtajt xagħri għand id-dudu - kien ġirien tagħna hux ... daqqa għandu u daqqa għand Tobija" (għax *Tobija* kien jiġi minn ommi).

Issa ta' min jgħid li d-Dudu u Tobija it-tnejn kienu jaħdmu mas-servizzi, wieħed il-karwija, u l-ieħor it-tarzna. Biex ngħidu kollox id-Dudu kellu mutur u kien iżommu pupilla bħal ħafna oħrajn ta' żmienu.

**Ħajr:-**

Josephine Grixti … Bint Ċensu Cutajar *għar-ritratti.*